Il-Kummissjoni Ewropea



# Interazzjoni bejn il-komponenti tal-għoti u tas-self tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku taħt il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta

L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent

Il-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku (PSLF) hija t-tielet pilastru tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM) — għodda ewlenija tal-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew biex jiġi żgurat li ħadd u l-ebda reġjun ma jitħallew jibqgħu lura fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.

# Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta

## biex jiġu appoġġati u ffinanzjati r-reġjuni l-aktar esposti għall-isfidi tat-tranżizzjoni fl-Istati Membri kollha

**I — Fond għal Tranżizzjoni Ġusta**
Prinċipalment jipprovdi għotjiet

**II — InvestEU**
skema ddedikata għal tranżizzjoni ġusta
Tattira investiment privat

**III — Faċilità ta' self għas-settur pubbliku mal-BEI**
Tingrana investimenti pubbliċi

*Il-JTM jinkludi qafas ta' governanza ċċentrat fuq pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta*

Il-PSLF hija faċilità ta' taħlit, li tikkombina għotjiet mill-Kummissjoni Ewropea (sa EUR 1.3 biljun) u self mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (sa EUR 6-8 biljun). L-appoġġ ikkombinat huwa mfassal biex jimmobilizza investiment addizzjonali għal entitajiet tas-settur pubbliku fir-reġjuni l-aktar milquta fl-Ewropa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' żvilupp tagħhom fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. It-taħlit tas-self tal-BEI u tal-Kummissjoni Ewropea se jiffaċilita l-finanzjament ta' proġetti li ma jiġġenerawx flussi ta' dħul suffiċjenti biex ikopru l-kostijiet tal-investiment tagħhom.

Ir-reġjuni l-aktar milquta huma identifikati fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta (TJTPs). Dawn il-pjanijiet jiġu żviluppati minn kull Stat Membru u jistabbilixxu l-isfidi f'kull territorju tat-tranżizzjoni ġusta, flimkien mal-ħtiġijiet u l-objettivi tal-iżvilupp li għandhom jintlaħqu sal-2030. Il-proġetti PSLF iridu ikunu lokalizzati f'reġjuni identifikati bħala milquta ħafna mit-tranżizzjoni lejn il-miri klimatiċi tal-Unjoni Ewropea fit-TJTPs adottati, jew jibbenefikaw minnhom. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara l-mappa fuq il-Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta jew il-lista ta' TJTPs fuq is-sit web tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA).

## Il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku hija faċilità ta' taħlit biex timmobilizza **EUR 13.3-15.3-il biljun** ta' investimenti pubbliċi

Sa **EUR 1.3 biljun** f'għotjiet tal-Kummissjoni Ewropea

\+

Sa **EUR 6-8 biljun** f'self mill-Bank Ewropew tal-Investiment

\+

Madwar **EUR 6 biljun** f'riżorsi mmobilizzati addizzjonali (*)

(*) Għotjiet nazzjonali, self, riżorsi proprji, eċċ.

# L-għotja

Se tingħata għotja mill-Kummissjoni Ewropea lill-applikanti ta' suċċess. L-ammont tal-għotja jiġi ddeterminat bħala perċentwal tas-self: 15 % jew 25 % jekk il-proġett ikun lokalizzat f'reġjun inqas żviluppat.

Biex japplikaw għall-għotja tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku, l-applikanti għandhom jissottomettu proposta taħt wieħed miż-żewġ suġġetti tas-sejħa għal proposti miftuħa:

JTM-2022-2025-PSLF-STANDALONE-PROJECTS

**għal sett ta' proġetti marbutin ma' qafas ta' self tal-BEI (standard jew koordinat).**

JTM-2022-2025-PSLF-FRAMEWORK LOANS

**għal proġetti awtonomi marbutin ma' self mill-BEI jew minn wieħed mill-intermedjarji finanzjarji tiegħu**



Aktar informazzjoni dwar is-sejħa għal proposti tista' tinstab fuq il-portal għall-Finanzjament u għall-Offerti (il-Kummissjoni Ewropea > portal għall-Finanzjament u għall-Offerti) u s-sit web tas-CINEA.





# Is-self

L-applikanti jridu jiksbu wkoll self mill-BEI jew minn wieħed mill-intermedjarji finanzjarji tiegħu. It-talbiet għal self jistgħu jiġu sottomessi fi kwalunkwe ħin. Is-self mitlub mill-BEI għandu jkun ta' mill-inqas EUR 12.5-il miljun (bl-eċċezzjoni ta' self ipprovdut minn intermedjarji finanzjarji).

Is-self tal-BEI (EUR 12.5-il miljun) normalment ikopri 50 % tal-kostijiet totali tal-proġett, li għalhekk għandu jkun ta' mill-inqas EUR 25 miljun. Il-BEI jista' jiddeċiedi li japplika rata ta' finanzjament ogħla (aktar minn 50 %) għal proġetti f'reġjuni inqas żviluppati u dawk fi tranżizzjoni.

Hemm bosta tipi ta' finanzjament tal-BEI li jistgħu jiġu kkombinati ma' għotja tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku.

- **Self** biex jiġi ffinanzjat proġett ta' investiment wieħed.
  - Self ipprovdut mill-BEI (self dirett ta' mill-inqas EUR 12.5-il miljun).
  - Self ipprovdut minn wieħed mill-intermedjarji finanzjarji tal-BEI (self intermedjat ta' mill-inqas EUR 3 miljun). Il-BEI u l-intermedjarju finanzjarju jridu jkunu ffirmaw self intermedju. Il-proposti għal għotjiet iridu jiġu sottomessi mill-benefiċjarju finali tas-self intermedju, peress li l-intermedjarju finanzjarju ma jistax japplika direttament għal għotjiet taħt il-faċilità.
- **Qafas ta' self** għall-finanzjament ta' programmi ta' investiment pluriennali, li jikkonsistu f'bosta proġetti iżgħar f'setturi identiċi jew differenti, li mhumiex (kompletament) definiti fiż-żmien tat-talba. Il-qafas ta' self irid jiġi pprovdut direttament mill-BEI (mhux permezz ta' intermedjarju finanzjarju) u jista' jkun ta' żewġ tipi.
  - **Qafas ta' self standard** — meta l-applikant tal-għotja jkun l-uniku benefiċjarju ta' sett ta' proġetti.
  - **Qafas ta' self ikkoordinat** — meta l-applikant tal-għotja jaġixxi bħala koordinatur [1] ta' sett ta' proġetti f'isem benefiċjarji oħra u jittrasferixxi appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi.

  L-ammont ta' qafas ta' self kumplessiv mitlub għandu jkun ogħla minn EUR 12.5-il miljun, madankollu l-kostijiet tal-investiment ta' proġetti individwali koperti minn qafas ta' self jistgħu jvarjaw fid-daqs.

[1] Il-koordinaturi eliġibbli jinkludu entitajiet sovrani (eż. ministeri u aġenziji tal-Istat), kif ukoll banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali u reġjonali b'missjoni ta' servizz pubbliku.




Il-BEI għandu informazzjoni aktar dettaljata dwar it-tipi differenti ta' self fuq is-sit web tiegħu.

# Valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BEI

Il-proposti kollha sottomessi se jgħaddu minn valutazzjoni dettaljata mill-Kummissjoni Ewropea u mill-BEI

## Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- Fi żmien 15-il jum mis-sottomissjoni tal-proposta tal-għotja, il-Kummissjoni se tivvaluta l-proposti abbażi tar-rekwiżiti ta' ammissibbiltà u eliġibbiltà.
- Fi żmien 3 xhur mis-sottomissjoni, il-Kummissjoni se tivvaluta l-proposti abbażi tal-kriterji ta' selezzjoni, esklużjoni, għoti u prijoritizzazzjoni.
- Il-Kummissjoni se tikkondividi mal-BEI l-lista ta' proposti magħżula (li jirċievu għotja biss jekk jirċievu self mill-BEI).
- Dawn il-proposti se jiġu mistiedna għat-tħejjija tal-ftehim ta' għotja.

## Valutazzjoni tal-BEI

- Il-BEI se jivvaluta l-proposti magħżula mill-Kummissjoni u jgħarrafha dwar il-proġetti approvati (jew mhux approvati) għall-finanzjament mill-BEI sa mhux aktar tard minn 18-il xahar mis-sottomissjoni tas-sejħa.
- Meta l-valutazzjoni tal-BEI tiġi konkluża, il-Kummissjoni se tħejji u tiffinalizza l-ftehimiet ta' għotja mal-proposti ta' suċċess.

## Għotja u żborż ta' self

- L-għotja tiġi żborżata bil-kundizzjoni li l-ftehim ta' finanzjament tal-BEI isir effettiv.

Il-qafas ta' self għandu jkun fi stadju avvanzat ta' diskussjoni mal-BEI qabel ma tiġi sottomessa proposta lill-Kummissjoni Ewropea. Għal self dirett ieħor mogħti mill-BEI, huwa rrakkomandat ukoll li l-BEI jiġi kkuntattjat fi stadju bikri qabel ma ssir applikazzjoni għal għotja.

Proġett iffinanzjat mill-BEI normalment jgħaddi minn seba' stadji ewlenin: proposta, evalwazzjoni, approvazzjoni, firma, żborż, monitoraġġ u rappurtar u rimborż.

- Pass 1 Proposta →
- Pass 2 Evalwazzjoni →
- Pass 3 Approvazzjoni →
- Pass 4 Firma →
- Pass 5 Żborż →
- Pass 6 Monitoraġġ u rappurtar →
- Pass 7 Ħlas lura

## Appoġġ konsultattiv

L-applikanti jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-appoġġ konsultattiv disponibbli taħt il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz taċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU jew tal-"Ħidma lejn tranżizzjoni ġusta" (eib.org) għat-tħejjija, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti eliġibbli, u l-bini tal-kapaċità tal-benefiċjarji. Tista' tinkiseb assistenza konsultattiva, pereżempju, għal:

- l-iżvilupp ta' riżervi ta' proġetti, inklużi l-iskrinjar u l-prijoritizzazzjoni tal-proġetti;
- strutturar u mmudellar finanzjarju;
- studji ta' vijabilità;
- appoġġ għall-implimentazzjoni.

L-appoġġ konsultattiv ikun disponibbli qabel u wara s-sottomissjoni tal-proposta. Meta jużaw il-punt ta' dħul ċentrali, l-applikanti huma mistiedna jispeċifikaw li qed jitolbu appoġġ konsultattiv b'rabta mal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku.

Sa EUR 35 miljun huma disponibbli għal appoġġ konsultattiv, inkluż EUR 10 miljun għall-bini tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tal-benefiċjarji, b'mod partikolari f'reġjuni inqas żviluppati.

### Informazzjoni u links utli

- Biex issir taf aktar dwar il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, żur il-Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta (il-Kummissjoni Ewropea > Politika reġjonali > Finanzjament > Fond għal Tranżizzjoni Ġusta > Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta). F'din il-paġna, se ssib ukoll informazzjoni dwar avvenimenti, aħbarijiet u opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti.
- Biex issir taf aktar dwar il-finanzjament tas-CINEA u tal-PSLF, jekk jogħġbok mur fuq is-sit web tas-CINEA (il-Kummissjoni Ewropea > CINEA > Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta).
- Biex issir taf dwar il-mod kif il-BEI jappoġġja tranżizzjoni ġusta, mur fuq BEI > Proġetti > Setturi > Żvilupp reġjonali > Tranżizzjoni ġusta.
- Għal informazzjoni dwar ir-regoli, il-politiki u l-proċeduri tal-BEI għas-self, żur BEI > Prodotti.
- Biex tikkuntattja s-servizzi ta' konsulenza disponibbli taħt il-Faċilità, ibgħat email lil eib-advisory@eib.org


### L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent

Il-Kummissjoni Ewropea
1049 Brussell
IL-BELĠJU

Tel. +32 22995252

https://cinea.ec.europa.eu

cinea@ec.europa.eu

@cinea_eu

CINEA – Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent

L-Aġenzija Eżekuttiva CINEA



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023



© L-Unjoni Ewropea 2023



**Print** ISBN 978-92-95231-34-4
doi:10.2926/768067
HZ-04-23-072-MT-C

**PDF** ISBN 978-92-95225-83-1
doi:10.2926/050042
HZ-04-23-072-MT-N



Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.
Ir-ritratti kollha: © Adobe Stock